8 ta' Ottubru, 1945

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A. J. Montanaro Ganci, LL.D.

**Avv. Dr. Edgar Grima ne.** *versus* **Baruni Joseph Chapelle et.**

**Żwieġ Putattiv — Buona Fede tal-Ġenituri.**

***Biex żwieġ li huwa null jista' jiġi kunsidrat bħala putattiv għall-ulied li jitwieldu minnu, hija biżżejjed il-"buona fede" ta' wieħed biss mill-ġenituri waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.***

L-attur nomine fit-taħrika qal li l-konvenuti fit-3 ta' Novembru 1931 kienu ċċelebraw żwieġ fl-uffiċċju tar-Reġistratur tad-Distrett ta' Lincoln fil-Konteji ta' Lincoln C.B. u Lincoln, u minn dan iż-żwieġ twieldu l-imsemmijin minuri, ċjoè n-Nobbli Diana Chapelle fil-5.30 p.m. fit-13 ta' Novembru 1933 (dok. A) u n-Nobbli Francis Chapelle fil-5.10 p.m. ta' l-istess ġurnata (dok. B); u li b'sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Awissu 1944 dan iż-żwieġ ta' bejn il-konvenuti ġie dikjarat null inħabba filli l-konvent Baruni Chapelle professanti r-Reliġjon Kattolika ma setax jiżżewweġ mal-konvenuta l-oħra, li kienet mara divorzjata; imma sakemm ma saretx dik id-dikjarazzjoni ġudizzjarja l-konvenuti kienu jaħsbu li huma miżżewġin validament, u għalhekk dak iż-żwieġ quddiemhom għandu jiġi kunsidrat bħala żwieġ putattiv; u talab li, wara li jiġu magħmula d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jiġu mogħtija l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat li lilhom jikkompetilhom l-istat ta' tfal leġittimi u d-drittijiet ċivili patrimonjali u onorifiċi relativi, billi ġew konċepiti u twieldu minn matrimonju putattiv. Bl-ispejjeż;

***Omissis:***

Il-Qorti tosserva li ma tistax temmen lill-imħarrek fejn dana qal li huwa kien fil-"buona fede" meta ċċelebra ż-żwieġ ċivili msemmi fit-taħrika, għax l-imħarrek huwa malti kattoliku, u l-kattoliċi maltin kollha jafu li biex jgħodd għall-kattoliċi ż-żwieġ irid ikun ċelebrat bil-forma reliġjuża. Evidentement huwa għażel dik il-forma u siefer apposta biex jinqeda b'dik il-forma, ħalli jkun jista' jiżżewweġ ma' Edwina Bennett, li hawn Malta, bħala divorzjata, ma kienetx tkun tista' tiżżewweġ ma' l-imħarrek. Iżda l-Qorti ma għandhiex raġun tobsor li Edwina Bennett kienet fil-"mala fede", li bħala pro-

testanti, ingliża u domiċiljata fl-Ingilterra, kellha raġun taħseb li ż-żwieġ kellu jkun regolat bil-liġi ta' pajjiżha; u l-liġijiet ta' pajjiżha jammettu d-divorzju u ż-żwieġ ċivili, kif ukoll jirritjenu li għandha sseħħ ir-regola ta' "locus regit actum" u sa prova f'sens kuntrarju l-"bona fides" għandha tinbasar li kienet hemm;

Fil-każ ta' l-ulied u fil-vantaġġ tagħhom, biżżejjed il-"Lona fides" ta' wieħed mill-ġenituri biss biex għalihom iż-żwieġ jiġi kunsidrat bħala putattiv. Għaldaqstant it-talba hija ġustifikata;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' t-talba bl-ispejjeż kontra l-imħarrek Baruni Chapelle, peress li kien dana l-kaġun ta' kull ma ġara lill-minuri.